Ref: Seduta 37_17-09-08 V

## MINUTI TAS-SEBA U TLETIN SEDUTA

**Is-seba u tletin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa, 17 ta' Settembru 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Skużati:** | **Nikki Dimech** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:00 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru 35_20/08/08 u 36Ad hoc_9/09/08**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru 35_20/08/08 u 36Ad hoc_9/09/08.**

1.1 L-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 35_20/08/2008 ġew proposti mis-sindku M. Arrigo u ssekondati mill-kunsilliera M. Aquilina. Il-kunsilliera preżenti l-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. A. Azzopardi u L. Vella ivvotaw favur. Il-minuti ġew

approvati.

1.2 Il-kunsilliera M. Azzopardi irreferiet għall-minuti tas-seduta 36Ad hoc_9/09/08 għall-punt numru 1.1 it-tieni paragrafu fejn ipproponiet li jiżdied hekk 'Il-kunsilliera M. Azzopardi qalet li hija kontra assolutament għax jekk bil-Chairman tal-MEPA preżenti l-bidla għat-tajjeb ser isseħħ, allura m'hemmx bżonn li jkun hemm ebda forma ta' tfixxkil. Jekk veru hu kif qal il-kunsillier M. Briguglio li l-ħatra tac-Chairman hi illegali, allura fuq il-liġi hemm s-sens komun. Tkun biss kwistjoni ta' bdil minn fejn jitħallas dan ic-Chairman jiġifieri bdil fil-liġi.' Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din l-emenda.

*Daħal il-kunsillier M. Briguglio fl-4.10pm*

Is-sindku M. Arrigo pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif emmendati u ġew issekondati mil-viċi sindku A. Bonello Dupuis. Il-kunsilliera preżenti M. Azzopardi, M. Aquilina, M. Brigulgio u L.Vella ivvotaw favur.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

***Seduta 35_20/08/08***

2.1 Il-kunsillier L.Vella irrefera għall-punt dwar l-*beach concession* tas-seduta 35_20/08/08 fejn il-kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar li l-*beach concession* kienet ingħatat lil Holiday Inn. Il-kunsill qabel li għandu jikteb l-istess dwar il-*beach concession* li kienet ingħatat lil ex-*Tigne Court Hotel.*.

2.2 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa jekk hux ix-xogħol li qiegħed isir minn naħa tal-Galaxy hux qiegħed jiġi *monitored* kif qiegħed isir mil-kuntrattur tagħhom. Il-kunsill għandu jiċċekkja dwar dan.

*Daħal il-kunsillier M.Debono fl-4.15pm*

2.3 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa jekk il-kunsill irċeviex informazzjoni dwar it-*tunnel* ta' Tigne'. Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-ittra li kien bagħat lis-Sur David Sutton skond deċiżjoni tal-kunsill biex niltaqgħu qabel ma' jinfetaħ t-*tunnel* biex niddiskutu t-traffic management. Madankollu s-segretarju eżekuttiv qal li kien bagħat ukoll lid-Direttur tat-toroq l-ittra li kien il-bagħat lil Mimcol. Fost affarijiet oħra l-kunsill għadu ma jafx kemm hi wiesħa din it-*tunnel* u jekk hemmx bankina fiha. Il-kunsilliera preżenti qablu li għandhom jitolbu lil ADT b'mod uffiċjali għal *on site visit* fit-*tunnel* u nistaqsu meta se jinfetaħ.

2.4 Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis staqsa dwar is-*Surfside*. Is-Sindku M. Arrigo qalet li issa l-kaxxa fejn kien qiegħed jinżamm l-iskart fiha tneħħiet. Is-sindku qalet ukoll li l-kunsill staqsa l-MTA sabiex niċċekkjaw liema stabbilimenti għandhom ikollhom *swill room* kif ukoll sabiex naraw jekk bħala awtorita jistgħux jiċċekkjaw min huwa l-kuntrattur li jiġbrilhom l-iskart.

*Daħal il-kunsillier J. Galea fl-4.20pm*

2.5 Il-kunsillier M. Debono reġa fakkar li l-parti mit-triq fejn djieqet il-bankina fi Triq Annunzjata ma' Triq Santa Rita fejn kellu jingħata t-*tarmac* għadha ma saritx. Is-sindku wieġbet li din mhux l-ewwel darba li meta l-kuntrattur R. Cachia jiġi mistoqsi jekk għamilx ix-xogħol ikunx sar, ir-risposta tkun jew li saret jew li sejjer fuq il-post dak il-ħin, u fil-fatt ma jkun sar xejn. Il-kunsill qabel li fil-każ din għandha ssir minn naħa tagħna u titnaqqas mil-

kont tiegħu.

***Seduta 36Ad hoc_9/09/08***

Dwar din is-seduta is-segretaru eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li l-appelli għaż-żewg proġetti ta' *Fort Cambridge* u ta' Milner c/w Howard ġew sottomessi lil MEPA.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għar-risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-*bye laws* tal-*catering establishments* biex jiġu approvati, fejn qalu li xi atti mil-proposti tal-kunsill huma diġa koperti bl-atti dwar iz-zibel u skart (Kap 206). Il-kunsill għandu jirreferi dan il-każ lill-avukat tal-kunsill.

3.2 Talba mill-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura sabiex issir eżebizzjoni permess ta' *ZeroCarbon City* fix-Xatt (in-naħa ta' bus terminus) mis-17 ta' Novembru sal-24 ta' Novembru, 2008. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.3 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali wieġeb għal-*email* li kien bagħtilhom dwar iż-żieda fir-rati għar-*resurfacing* li kienu talbu l-kuntratturi ta' Polidano Bros. Ir-risposta hija li fl-*ispecific conditions* tal-kuntratt li hemm fil-proċeduri tal-kunsilli lokali stipulat li r-rati jistgħu jiġu emendati bi qbil miż-żewġ partijiet.

3.4 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza tal-kunsillier M. Briguglio dwar Ix-xogħlijiet li bdew fil-*highrise buildings* tal-MIDI. Dan il-proġett għandu l-permess li jkollu l-*building heights* bejn ħamsa u tnax-il sular. Il-kunsillier M. Briguglio qal li l-MEPA diġa għamlet l-*enforcement notice* tagħha għaliex beda x-xogħol mingħajr il-permessi neċessarji. Il-kunsill qabel li għandu jikteb lil MEPA fejn għandu jimxi ma' l-*outline development* u mal-permess.

3.5 Korrispondendenza mil-*Works Division* fejn ġibdu l-attenzjoni li dak in-nhar tal-festa ta' San Girgor kien hemm min tela jaqbeż fuq is-saqaf tal-lattrina pubblika tal-ġnien li din mhux suppost hemm aċċess għall-pubbliku. Filwaqt li s-segretarju eżekuttiv diġa informa lis-segretarju tal-Għaqda ta' San Girgor, il-kunsill qabel li għandu jordna xi tabelli biex jindikaw li huwa projbit l-aċċess għas-saqaf.

*Il-kunsillier M. Debono ġie skużat mis-seduta fl-4.32pm*

3.6 Korrispondenza mill-avukat Gauci Maistre dwar xogħol li kien sar Triq it-Torri kantuniera ma' Triq Sir Luigi Camilleri f'Ottubru, 2002 mil-kunsill lokali. Il-kunsill għandu jirreferi dan il-każ lill-avukat tal-kunsill fejn irid jara wkoll dan il-każ baqax validu minħabba li għaddew ammont ta' snin u jekk nagħmlu xi xogħol inkunux qegħdin naċċettaw il-fatt li kienet saret il-ħsara u allura jkunu jistgħu jfittxuna għad-danni.

*Daħal il-kunsillier M. Debono fl-4.35pm*

3.7 Ġiet ippreżentanta stima tal-kuntrattur R. Cachia għal xogħlijiet f'*culverts* fi Triq Viani. Il-kunsill ma aċċettax l-istima ta' € 2095 għax hija waħda għolja. Is-segretarju eżekuttiv qal li kien kellem lill-kuntrattur li kien lest li l-istima titnaqqas għal 1863 Euro Il-kunsill qabel li għandu jikkuntattja lill-kuntrattur Aquilina u fil-każ li l-istima tkun favorevoli

jipproċedi bix-xogħol minħabba li dan huwa każ urġenti.

3.8 Korrispondenza mil-*Brainbox Ltd* fejn staqsa lil kunsill jekk hux interessat li jorganizza attivita fil-premises tal-kunsill bl-isem *118 wines fil-kunsill tiegħek.* Il-kunsill qabel li għandu jorganizza din l-attivita' bħala waħda mill-attivitajiet kulturali ta' kull xahar u naraw x'rispons ikollna.

3.9 Korrispondenza mil-kunsillier M. Briguglio fejn irrefera għal l-iState *of the Environment Report* fejn indika li Triq Manwel Dimech hija t-tieni triq li l-aktar li fiha *pollution.* Il-kunsill qabel li għandu jikteb lil MEPA u l-ADT fejn nirreferu għall-imsemmi rapport tas-sena 2007 u nistaqsu jekk jistax isir xi ħaġa.

*Il-kunsilliera M. Azzopardi ġiet skużata li titlaq mis-seduta fil-5pm*

3.10 Is-segretarju eżekuttiv staqsa lill-kunsilliera preżenti jekk jaqblux li l-kunsill jerġa jinvolvi ruħu fit-tiżjin tal-Milied. Ġibed l-attenzjoni wkoll li l-kuntrattur kien infurmah li għal din is-sena l-prezz għat-tiżjin se jiżdied minħabba s-*surcharge.* Is-sena l-oħra l-kunsill kien ħareġ is-somma ta' madwar € 3028.19 filwaqt li l-MTA kien ta' is-somma ta' € 2329.37. Il-kunsill għandu jerġa jagħmel l-istess talba għall-għajnuna finanzjarja lil-MTA filwaqt li jistaqsi lill-ħwienet humiex lesti li jżidu s-somma għal din is-sena. Biex il-kunsill jgħin ftit aktar jista jżid l-ammont għal € 3494.06. Il-kunsill qabel li din għandha tiġi organizzata mill-amministrazzjoni tal-kunsill bħas-sena li għaddiet bil-presenza tal-kunsilliera involuti fis-sotto kumitat.

3.11 Is-Sindku staqsiet jekk il-kunsill jistax jara x'inhu l-aħjar sabiex jitbiddlu d-dwalijiet tal-kunsilli u għandhomx jinqelbu għal *energy savers.*

3.12 Il-kunsill qabel li għandu jsir *patching* f'toroq li hemm bżonn fejn fost toroq oħra issemew Triq il-Kulleġġ l-Antik quddiem numru 115, Triq Santa Marija ma' Carmel, parti minn Triq Ġuże Howard bil *hot asphalt.* Il-viċi sindku ġibed l-attenzjoni li l-*patching* m'għandux isir bil-mod kif isir mill-Korporazzjoni Għas-Servizzi ta' l-Ilma, għax jispiċċa jinqala mil-ewwel. Is-Sindku qalet li dik kienet ir-raġuni li l-kunsill ordna biex jinqala għal tlett darbiet biex isir kif suppost.

3.13 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għar-risposta mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali wara li kien kiteb minħabba li l-kuntrattur għall-ġbir ta' l-iskart mhuwiex qiegħed jimxi skond il-kuntratt. It-tweġiba kienet li għalissa għandi jibqa bl-istess kuntrattur minħabba li qegħdin jitħejjew kuntratti ġodda min-naħa tad-Dipartiment. Minn naħa l-oħra l-kunsill qiegħed jirċievi l-istess ilmenti ta' kuljum u ma jistax jibqa jagħti servizz ħażin lir-residenti. Il-kunsill qabel li għandu jirreferi dan il-każ lill-avukat tal-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu wkoll li għandhom inaqqsu 20 fil-mija mil-kont ta' Awissu, 2008 fejn jinfurmaw b'mod uffiċjali li din hija l-aħħar twissija mil-kunsill.

3.14 Talba minn Suret il-Bniedem għall-għajnuna finanzjarja. Il-kunsill qabel li għandu jagħti s-somma ta' €50.

3.15 Korrispondenza mid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar it-talba għall-kummenti tal-kunsill rigward l-imwejjed u s-siġġijiet tal-*Costa Cafe.* Dawn talbu għal estensjoni ta' iżjed spazju għall-imwejjed u siġġijiet sa quddiem l-entratura tad-*Deporras Hall.* Ġie innotat li dan ilu jikser il-liġi għal ħafna żmien. Il-kunsilliera preżenti ma qablux li għandha tingħata estensjoni fejn l-imwejjed u s-siġġijiet għandhom jibqgħu quddiem l-entratura tal-ħanut tiegħu biss u mhux quddiem id-Deporres Hall ukoll. Il-kunsill innota wkoll li kien irċieva

diversi lmenti dwar dan l-istabbiliment.

3.16 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza li irċieva mid-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn id-dipartiment bagħat li m'għandux oġġezzjoni li l-aħħar kamra tal-kunsill tintuża għal skopijiet ta' Berġa. Il-kunsill għandu jipproċedi billi jifforma agreement permezz ta' l-avukat tal-kunsill.

3.17 Is-segretarju eżekuttiv informa bir-risposta tal-perit tal-kunsill rigward it-tnaqqis tal-persentagg fil-mija tal *bills of quantity* u l-*financial offer*. Il-kunsill qabel li dan il-każ għandu jibqa jiġi sorveljat mill-avukat tagħna u li għandha ssir laqgħa bejn l-avukat tal-kunsill u l-avukat tal-perit. Sadanittant is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-kont ieħor li qiegħed fl-iskeda tal-pagamenti ta' din is-seduta tal-Med Developers fejn ħalla l-istess persentaġġ fil-mija tal-*measuring fees* bħal kontijiet preċedenti. Il-kunsill qabel li għandu jitnaqqas 1% fil-mija tal-*measuring fees.*

*Il-kunsillier M. Debono ġie skużat li jitlaq mis-seduta fil-5.45pm*

3.18 Il-kunsilliera preżenti ġew infurmati li ġie uffiċjal mill-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura fejn talab permess lill-kunsill biex ipoġġi container ħdejn il-funtana tax-Xatt u biex jagħlaq il-biċċa t'isfel ta' Triq it-Torri minħabba xogħlijiet fit-toroq liema xogħol se jkun jikkonsisti mit-twessiegħ ta' bankini. Is-sindku M. Arrigo qalet li mhux sewwa li l-kunsill ma kienx ġiex infurmat b'dan il-proġett u skond dan l-uffiċjal li ġie l-uffiċċju tal-kunsill kienu diġa ltaqgħu ma' entitatijiet oħra mingħajr ma' ikkonsultaw mal-kunsill. Fuq dan il-punt is-segretarju eżekuttiv spjega kif diġa se jkollna parti minn Tas-Sliema affettwata mit-trafifku minħabba se jitkomplew ix-xogħlijiet fi Triq Rudolfu, Sliema apparti diversi proġetti ta' trinek u kostruzzjoni. Il-kunsilliera preżenti qablu li għal dan il-proġett għal-Triq it-Torri għandha ssir laqgħa ta' koordinazzjoni ma' l-entitatijiet kollha fl-uffiċċju tal-kunsill.

**4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

4.1 Il-kunsillier L. Vella irrimarka li l-kuntratt tad-dawl li qiegħed jieħu ħsiebu l-kumitat konġunt tal-dawl, ġie estiż. Kien fakkar li waħda mil-kundizzjonijiet li kien ressaq il-kunsill kienet li jekk l-ispejjeż jibqgħu jiżdiedu l-kunsill jirriżerva d-dritt li joħroġ minnu. Il-kunsill għandu jiċċekkja meta għandu jerġa jiltaqa' dan il-kumitat konġunt.

4.2 Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis irrimarka dwar il-bozza li qegħda mdendla mal-Knisja ż-żgħira ta' Stella Maris u li tista tikkawża ħsara l-knisja. Il-kunsill qabel li l-bozza għandha ssir *wall mounted.*

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

Is-sindku M. Arrigo pproponiet l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 9723 sa 9783, minbarra ċekk numru 9783 f'isem Transline Co. Ltd, li jrid jiġi kkanċellat u jitħallas b'għoxrin fil-mija inqas skond punt numru 3.13 ta' din is-seduta u ċekk numru 9781 li wkoll irid jiġi kanċellat għal raġuni msemmija f'punt 3.17 ta' din is-seduta. Il-kunsillier L.Vella issekonda, filwaqt li l-kunsilliera preżenti, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio u J. Galea approvaw l-pagamenti b'mod unanimu.

**6. Affarijiet Oħra**

6.1 Il-kunsillier M. Briguglio ippropona li l-kunsill għandu jieħu ċ-ċans kif se jagħmlu wħud mil-kunsilli biex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar il-*local plans*. Il-kunsillier M. Briguglio għandu jiċċekkja d-*deadline*. Il-kunsill għandu jagħmel avviż fil-magazine li jmiss biex ir-residenti jkunu jistgħu l-kummenti tagħhom.

6.2 Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis irrimarka dwar l-eċċess ta' l-ilma li joħroġ mil-*pipes* tal-Lukanda *The Palace*. Il-kunsill għandu jibgħat l-*environmental wardens*.

6.3 Il-kunsillier M. Briguglio irrimarka li residenti ilmentawlu li qiegħed ikun hemm van abjad ipparkjat f'kantuniera ta' Triq Depiro ma' Sant'Injazju li qiegħed itelef fil-viżjoni tas-sewqan. Il-kunsill għandu jinforma l-uffiċċjal awtorizzat tal-gwardjani lokali.

6.4 Il-kunsillier M. Brigulio ġibed l-attenzjoni wkoll li l-*Environmental Landscapes Consortium* għandhom jieħdu ħsieb l-*planters* li hemm fi Triq Dingli.

6.5 Il-kunsillier M. Briguglio staqsa dwar il-*contracts manager*. Il-kunsill għandu jistabillixi l-ammont tas-sigħat, liema kuntratti etc., Għandu jiċċekkja mal-kunsilli tal-Belt u l-Mellieħa biex jaraw kif qegħdin jaħdmu. Dan is-suġġett għandu jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

Is-seduta ntemmet fis-6.15pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 15 t'Ottubru, 2008 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**